

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Lapinskaite u J. Ivanauskas, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: LG Electronics, Inc (Seul, il-Korea ta' Isfel)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Mejju 2021 (Każ R 2223/2020-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ionfarma u LG Electronics.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ionfarma, SL, hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 382, 20.9.2021.

---

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2022 – KI vs eu-LISA

(Kawża T-338/20) (<sup>1</sup>)

**(“Rikors għal annullament u għad-danni – Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Riorganizzazzjoni interna tad-dipartimenti tal-eu-LISA – Mili tal-pożizzjonijiet b’assenjazzjoni mill-ġdid – Interess tas-servizz – Korrelazzjoni bejn il-grad u l-impjieg – Assenza ta’ att li jikkawża preġudizzju – Inammissibbiltà”)**

(2022/C 198/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: KI (rappreżentant: L. Levi, avukata)

Konvenut: L-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) (rappreżentanti: K. Czekalowski u M. Chiodi, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-eu-LISA tal-15 ta' Lulju 2019 li tassenja mill-ġdid lir-rikorrent wara l-organizzazzjoni mill-ġdid interna tas-servizzi ta' din l-aġenzija u, min-naħa l-oħra, għall-kisba ta' kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament soffra wara din id-deċiżjoni.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) KI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 279, 24.8.2020.